Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Il-Ħames Awla)

7 ta’ April 2022*

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Kooperazzjoni ġudizzjarja f’materji ċivili – Regolament (UE) Nru 650/2012 – Artikolu 10 – Ġurisdizzjoni sussidjarja fil-qasam tas-suċċessjoni – Residenza abitwali tad-deċedut fil-mument tal-mewt tiegħu li kienet tinsab fi Stat mhux marbut mir-Regolament (UE) Nru 650/2012 – Deċedut b’nazzjonalità ta’ Stat Membru li kellu beni f’dan l-Istat Membru – Obbligu għall-qorti tal-imsemmi Stat Membru adita li teżamina *ex officio* l-kriterji tal-ġurisdizzjoni sussidjarja tagħha – Ħatra ta’ amministratur tal-patrimonju”

Fil-Kawża C-645/20,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Cour de cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni, Franza), permezz ta’ deċiżjoni tat-18 ta’ Novembru 2020, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fl-1 ta’ Diċembru 2020, fil-proċedura

V A,

Z A

vs

TP,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Il-Ħames Awla),

komposta minn E. Regan, President tal-Awla, I. Jarukaitis, M. Ilešič (Relatur), D. Gratsias u Z. Csehi, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: M. Campos Sánchez-Bordona,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal TP, minn F. Rocheteau, avocat,

– għall-Gvern Franċiż, minn A. Daniel u A.-L. Desjonquères, bħala aġenti,

* Lingwa tal-kawża: il-Franċiż.

– għall-Gvern Ċek, minn M. Smolek u J. Vláčil, bħala aġenti,

– għall-Gvern Spanjol, inizjalment minn I. Herranz Elizalde u S. Jiménez García, sussegwentement minn I. Herranz Elizalde, bħala aġenti,

– għall-Kummissjoni Ewropea, inizjalment minn C. Valero u M. Wilderspin, sussegwentement minn C. Valero, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tat-2 ta' Diċembru 2021,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 10(1)(a) tar-Regolament (UE) Nru 650/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar il-ġuriżdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet u l-aċċettazzjoni u l-infurzar ta' strumenti awtentiċi fil-qasam tas-suċċessjonijiet u dwar il-ħolqien ta' Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni (ĠU 2012, L 201, p. 107, rettifiki fil-ĠU 2012, L 344, p.3, u fil-ĠU 2013, L 60, p. 140).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn, minn naħa, V A u Z A (iktar 'il quddiem ir-"rikorrenti fil-kawża prinċipali"), ulied XA, u, min-naħa l-oħra, TP, il-konjuġi ta' dan tal-aħħar, dwar talba intiża għall-ħatra ta' amministratur tal-patrimonju sabiex jamministra s-suċċessjoni fl-intier tagħha ta' XA.

Il-kuntest ġuridiku

3 Il-premessi 7, 27, 30, 43 u 82 tar-Regolament Nru 650/2012 jiddikjaraw:

"(7) Hemm lok li jiġi ffaċilitat it-tħaddim tajjeb tas-suq intern billi jitneħħew l-ostakoli għall-moviment liberu ta' persuni li llum il-ġurnata jiġu affaċċjati b'diffikultajiet biex jimplimentaw id-drittijiet tagħhom fil-kuntest ta' suċċessjoni li għandha implikazzjonijiet transkonfinali. Fiż-żona Ewropea tal-ġustizzja, iċ-ċittadini għandhom ikunu fil-pożizzjoni li jorganizzaw is-suċċessjoni tagħhom bil-quddiem. Id-drittijiet tal-werrieta u l-legatarji, tal-persuni l-oħra qrib tad-deċedut kif ukoll tal-kredituri tas-suċċessjoni għandhom ikunu garantiti b'mod effettiv.

[…]

(27) Ir-regoli ta' dan ir-Regolament huma mfassla sabiex jiżguraw li l-awtorità li tkun qed tittratta s-suċċessjoni, fil-biċċa l-kbira tas-sitwazzjonijiet, tapplika l-liġi tagħha proprja. Għalhekk dan ir-Regolament jipprevedi serje ta' mekkaniżmi li jidħlu fis-seħħ meta d-deċedut ikun għażel bħala l-liġi li tirregola s-suċċessjoni tiegħu l-liġi ta' Stat Membru li kien ċittadin tiegħu.

[…]

(30) Sabiex ikun żgurat li l-qrati tal-Istati Membri kollha jkunu jistgħu, għall-istess raġunijiet, jeżerċitaw ġuriżdizzjoni fir-rigward tas-suċċessjoni ta' persuni b'residenza mhux abitwali fi Stat Membru fil-mument tal-mewt, dan ir-Regolament għandu jelenka b'mod eżawrjenti, f'ordni ġerarkika, ir-raġunijiet li għalihom tista' tiġi eżerċitata tali ġuriżdizzjoni sussidjarja.

[…]

(43) Ir-regoli ta' ġuriżdizzjoni stabbiliti minn dan ir-Regolament jistgħu, f'ċerti każijiet, iwasslu għal sitwazzjoni fejn il-qorti li jkollha ġuriżdizzjoni biex tgħaddi regola dwar is-suċċessjoni ma tapplikax il-liġi tagħha stess. Meta tinqala' dik is-sitwazzjoni fi Stat Membru li l-liġi tiegħu jipprevedi ħatra obbligatorja ta' amministratur tal-patrimonju, dan ir-Regolament għandu jippermetti lill-qrati ta' dak l-Istat Membru, meta jitressaq proċediment quddiemhom, li jaħtru amministratur wieħed jew aktar skont il-liġi tagħhom stess. […] Sabiex tiġi żgurata koordinazzjoni bla xkiel bejn il-liġi applikabbli għas-suċċessjoni u l-liġi tal-Istat Membru tal-qorti ta' ħatra, il-qorti għandha taħtar il-persuna/i li tkun/jkunu intitolata/i biex tamministra/jamministraw il-patrimonju skont il-liġi applikabbli għas-suċċessjoni, bħal fil-każ, pereżempju, tal-eżekutur tat-testment tad-deċedut jew il-werrieta nfushom jew, jekk meħtieġ mil-liġi applikabbli għas-suċċessjoni, amministratur li jkun parti terza. […]

[…]

(82) Skont l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll (Nru 21) dwar il-Pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness għat-Trattat [UE] u għat-Trattat [FUE], dawk l-Istati Membri li mhumiex jieħdu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhumiex marbutin minnu jew soġġetti għall-applikazzjoni tiegħu. Dan huwa, madankollu, mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li għandhom ir-Renju Unit u l-Irlanda li jinnotifikaw l-intenzjoni tagħhom li jaċċettaw dan ir-Regolament wara li jiġi adottat skont l-Artikolu 4 tal-imsemmi Protokoll."

4 Il-Kapitolu II ta' dan ir-regolament, dwar il-"Ġurisdizzjoni", jinkludi b'mod partikolari l-Artikoli 4 sa 6, 10 u 15 tiegħu.

5 L-Artikolu 4 tal-imsemmi regolament, intitolat "Ġurisdizzjoni ġenerali", jipprevedi:

"Il-qrati tal-Istat Membru li fih id-deċedut kellu r-residenza abitwali tiegħu fil-mument tal-mewt għandu jkollhom ġuriżdizzjoni biex jiddeċiedu dwar is-suċċessjoni fl-intier tagħha."

6 Fil-paragrafu 1 tiegħu, l-Artikolu 5 tal-istess regolament, intitolat "Ftehim dwar l-għażla tal-qorti", jipprovdi:

"Fejn il-liġi magħżula mid-deċedut biex tirregola s-suċċessjoni tiegħu skont l-Artikolu 22 hija l-liġi tal-Istat Membru [il-liġi ta' Stat Membru], il-partijiet ikkonċernati jistgħu jaqblu li qorti jew il-qrati ta' dak l-Istat Membru għandu jkollhom ġuriżdizzjoni esklużiva biex jieħdu deċiżjoniji dwar kwalunkwe kwistjoni relatata mas-suċċessjoni."

7 L-Artikolu 6 tar-Regolament Nru 650/2012, intitolat "Rifjut tal-ġuriżdizzjoni f'każ ta' għażla tal-liġi", jipprovdi:

"Meta l-liġi magħżula mid-deċedut biex tirregola s-suċċessjoni tiegħu skont l-Artikolu 22 hija l-liġi ta' Stat Membru, il-qorti invokata skont l-Artikolu 4 jew l-Artikolu 10:

(a) tista', fuq it-talba ta' wieħed mill-partijiet għall-proċedimenti, tirrifjuta l-ġuriżdizzjoni jekk tqis li l-qrati tal-Istat Membru tal-liġi magħżula jinsabu f'pożizzjoni aħjar biex jieħdu deċiżjonijiet dwar is-suċċessjoni b'kont meħud taċ-ċirkostanzi prattiċi tas-suċċessjoni, bħar-residenza abitwali tal-partijiet u l-post fejn jinsabu l-assi; jew

(b) għandha tirrifjuta l-ġuriżdizzjoni jekk il-partijiet għall-proċedimenti jkunu qablu, f'konformità mal-Artikolu 5, li jagħtu ġuriżdizzjoni lil qorti jew lill-qrati tal-Istat Membru tal-liġi magħżula."

8 L-Artikolu 10 ta' dan ir-regolament, intitolat "Ġuriżdizzjoni sussidjarja", jipprovdi:

"1. Meta r-residenza abitwali tad-deċedut fil-mument tal-mewt ma tkunx tinsab fi Stat Membru, il-qrati ta' Stat Membru fejn ikun hemm assi tal-patrimonju għandu madankollu jkollhom ġuriżdizzjoni biex jiddeċiedu dwar is-suċċessjoni fl-intier tagħha dment li:

(a) id-deċedut kellu ċ-ċittadinanza ta' dak l-Istat Membru fil-mument tal-mewt tiegħu; jew, fin-nuqqas ta' dan,

(b) id-deċedut kellu r-residenza abitwali preċedenti tiegħu f'dak l-Istat Membru, dment li, filwaqt li l-qorti tkun ġiet invokata, ma jkunx għadda aktar minn perijodu ta' ħames snin minn meta dik ir-residenza abitwali tkun inbidlet.

2. Fejn l-ebda qorti fi Stat Membru ma jkollha ġuriżdizzjoni skont il-paragrafu 1, il-qrati ta' Stat Membru li fih ikun hemm assi tal-patrimonju, għandu madankollu jkollhom ġuriżdizzjoni biex jiddeċiedu dwar dawk l-assi."

9 L-Artikolu 15 tal-imsemmi regolament, intitolat "Verifika tal-ġuriżdizzjoni", jipprevedi:

"Fejn il-qorti ta' Stat Membru tkun invokata dwar kwistjoni ta' suċċessjoni li ma għandhiex ġuriżdizzjoni fuqha skont dan ir-Regolament, hija għandha tiddikjara, *ex officio*, li ma għandhiex ġuriżdizzjoni."

10 Il-Kapitolu III tal-istess regolament, intitolat "Il-liġi applikabbli", jinkludi l-Artikolu 21 ta' dan tal-aħħar, intitolat "Regola ġenerali", li jipprovdi:

"1. Dment li ma jkunx previst mod ieħor f'dan ir-Regolament, il-liġi applikabbli għas-suċċessjoni tad-deċedut fl-intier tagħha għandha tkun il-liġi tal-Istat li fih id-deċedut kellu r-residenza abitwali tiegħu fil-mument tal-mewt.

2. Fejn, bħala eċċezzjoni, ikun ċar miċ-ċirkostanzi kollha tal-każ li, fil-mument tal-mewt, id-deċedut kien manifestament aktar marbut ma' Stat li mhux l-Istat li l-liġi tiegħu tkun applikabbli skont il-paragrafu 1, il-liġi applikabbli għas-suċċessjoni għandha tkun il-liġi ta' dak l-Istat l-ieħor."

11 Fil-paragrafu 1 tiegħu, l-Artikolu 22 tar-Regolament Nru 650/2012, intitolat "Għażla ta' liġi", jipprevedi:

"Persuna tista' tagħżel bħala l-liġi li tirregola s-suċċessjoni tagħha fl-intier tagħha l-liġi tal-Istat li hija jkollha ċ-ċittadinanza tiegħu fil-mument li fiha tkun qiegħda tagħmel l-għażla [jew fil-ħin tal-mewt].

[...]"

It-tilwima fil-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

12 XA, ta' nazzjonalità Franċiża, miet fit-3 ta' Settembru 2015, fi Franza. Huwa kien ilu jirrisjedi fir-Renju Unit mill-1981, fejn iżżewweġ lil TP fl-1996. Wara li marad, f'Awwissu 2012 huwa kien mar lura fi Franza sabiex jgħix ma' wieħed minn uliedu f'appartament miksub xahrejn qabel permezz ta' soċjetà ċivili tal-proprjetà immobbli li tagħha kien soċju.

13 XA ħalla warajh konjuġi, TP, ċittadina tar-Renju Unit, kif ukoll tliet ulied minn relazzjoni preċedenti, YA u r-rikorrenti fil-kawża prinċipali. Peress li sadanittant YA miet, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali indikaw li qegħdin jaġixxu wkoll fil-kwalità ta' aventi kawża ta' ħuhom. XA kellu beni patrimonjali fi Franza.

14 Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali ressqu lil TP quddiem il-qrati Franċiżi sabiex jiksbu l-ħatra ta' amministratur tal-patrimonju sabiex jamministra s-suċċessjoni tad-deċedut fl-intier tagħha, filwaqt li invokaw l-applikazzjoni tal-Artikolu 4 tar-Regolament Nru 650/2012 u l-fatt li d-deċedut kellu r-residenza abitwali tiegħu fi Franza fil-mument tal-mewt tiegħu.

15 Permezz ta' digriet tal-12 ta' Diċembru 2017, il-President tat-tribunal de grande instance de Nanterre (il-Qorti Reġjonali ta' Nanterre, Franza), li kien qiegħed jagħti deċiżjoni dwar miżuri provviżorji, iddikjara li kellu ġurisdizzjoni sabiex jieħu konjizzjoni tat-talba tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali skont l-Artikolu 4 tar-Regolament Nru 650/2012. Dan wassal għall-ħatra ta' amministratur tal-patrimonju.

16 Permezz ta' sentenza tal-21 ta' Frar 2019, il-cour d'appel de Versailles (il-Qorti tal-Appell ta' Versailles, Franza) annullat dan id-digriet u, b'applikazzjoni tar-Regolament Nru 650/2012, iddikjarat li l-qrati Franċiżi ma kellhomx ġurisdizzjoni sabiex jiddeċiedu dwar is-suċċessjoni tad-deċedut fl-intier tagħha skont l-Artikolu 4 tar-Regolament Nru 650/2012, għar-raġuni, essenzjalment, li r-residenza abitwali ta' dan tal-aħħar kienet għadha fir-Renju Unit fil-mument tal-mewt tiegħu.

17 Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali ppreżentaw appell minn din is-sentenza quddiem il-Cour de cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni, Franza), il-qorti tar-rinviju, fejn sostnew, b'mod partikolari, li l-cour d'appel de Versailles (il-Qorti tal-Appell ta' Versailles) kienet wettqet żball ta' liġi meta ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-Artikolu 10 tar-Regolament Nru 650/2012, li jipprevedi, b'mod sussidjarju, il-ġurisdizzjoni tal-qrati tal-Istat Membru li fih jinsabu l-beni patrimonjali sabiex jiddeċiedu dwar is-suċċessjoni fl-intier tagħha meta, minkejja l-fatt li d-deċedut ma kellux ir-residenza abitwali tiegħu fi Franza fil-mument tal-mewt tiegħu, huwa kellu n-nazzjonalità ta' dan l-Istat Membru u kellu beni li kienu jinsabu f'dan l-Istat Membru.

18 Il-qorti tar-rinviju ssostni, l-ewwel nett, li l-Artikolu 10 tar-Regolament Nru 650/2012 ma ġiex invokat mir-rikorrenti fil-kawża prinċipali quddiem il-cour d'appel de Versailles (il-Qorti tal-Appell ta' Versailles). Għaldaqstant, tqum il-kwistjoni ta' jekk din il-qorti tal-appell, li

kkonstatat li XA kellu nazzjonalità Franċiża u kellu beni patrimonjali fi Franza fil-mument tal-mewt tiegħu, kinitx obbligata teżamina *ex officio* l-kriterji tal-ġurisdizzjoni sussidjarja tagħha skont dan l-Artikolu 10.

19 Fil-fatt, il-qorti tar-rinviju tirrileva li, meta jipprevedi l-possibbiltà li l-qorti ta' Stat Membru adita b'kawża ta' suċċessjoni li fir-rigward tagħha ma jkollhiex ġurisdizzjoni sabiex tieħu konjizzjoni tagħha skont ir-Regolament Nru 650/2012 għandha tiddikjara *ex officio* li ma għandhiex ġurisdizzjoni, l-Artikolu 15 ta' dan ir-regolament ma jispeċifikax jekk din l-aħħar qorti għandhiex tivverifika minn qabel il-kriterji kollha ta' ġurisdizzjoni possibbli, kemm dawk tal-ġurisdizzjoni ġenerali tagħha kif ukoll dawk tal-ġurisdizzjoni sussidjarja tagħha. B'mod partikolari, l-imsemmi regolament ma jispeċifikax jekk l-eżami tal-ġurisdizzjoni sussidjarja huwiex ta' natura fakultattiva.

20 Minn naħa, il-qorti tar-rinviju tenfasizza li r-Regolament Nru 650/2012 jistabbilixxi sistema għas-soluzzjoni ta' kunflitti dwar il-ġurisdizzjoni li l-qrati tal-Istati Membri aditi b'tilwima għandhom japplikaw *ex officio* meta din it-tilwima taqa' fil-qasam materjali kopert minn dan ir-regolament. Issa, ma jkunx loġiku li, wara li jikkonstataw *ex officio* l-applikazzjoni tal-imsemmi regolament sabiex tinsab soluzzjoni għal kunflitt dwar il-ġurisdizzjoni, il-qrati tal-Istati Membri aditi jkunu jistgħu jirrifjutaw il-ġurisdizzjoni tagħhom favur qrati ta' Stat terz abbażi tal-Artikolu 4 tiegħu biss, mingħajr ma jkollhom jivverifikaw minn qabel il-ġurisdizzjoni sussidjarja tagħhom abbażi tal-Artikolu 10 tal-istess regolament. Għaldaqstant, jidher iktar koerenti li l-imsemmija qrati aditi huma obbligati li jivverifikaw, inkluż *ex officio*, il-kriterji kollha possibbli għall-eżerċizzju ta' ġurisdizzjoni.

21 Min-naħa l-oħra, il-qorti tar-rinviju tosserva li l-ġurisdizzjoni prevista fl-Artikolu 10 tar-Regolament Nru 650/2012, li hija kklassifikata f'dan l-artikolu bħala "sussidjarja", għandha l-effett li tidderoga mill-prinċipju ta' unità tal-kompetenzi ġurisdizzjonali u leġiżlattivi li huwa l-qofol ta' dan ir-regolament. Fil-fatt, meta l-qorti ta' Stat Membru tkun irrikonoxxiet il-ġurisdizzjoni tagħha skont dan l-Artikolu 10, hija xorta waħda jkollha tapplika l-liġi tal-Istat ta' residenza abitwali tad-deċedut fil-mument tal-mewt tiegħu, sakemm miċ-ċirkustanzi kollha tal-każ ma jirriżultax li, fil-mument tal-mewt tiegħu, id-deċedut kellu rabtiet manifestament eqreb ma' Stat ieħor, skont l-Artikolu 21(2) tal-imsemmi regolament, jew kien għamel l-għażla esplicita tal-liġi ta' Stat ieħor, skont l-Artikolu 22 tal-istess regolament. Għalhekk, jidher diffiċli li jiġi aċċettat li regola ta' ġurisdizzjoni kklassifikata bħala "sussidjarja" għandha obbligatorjament tiġi rrilevata mill-qorti ta' Stat Membru adita, anki jekk il-partijiet ma jinvokawhiex.

22 Barra minn hekk, għalkemm ir-Regolament Nru 650/2012 jipprevedi espressament, fl-Artikolu 15 tiegħu, l-obbligu tal-qorti li ma jkollhiex ġurisdizzjoni li tqajjem *ex officio* n-nuqqas ta' ġurisdizzjoni tagħha, huwa għall-kuntrarju ma jipprevedi ebda dispożizzjoni ekwivalenti li tobbliga lill-imsemmija qorti teżamina *ex officio* l-ġurisdizzjoni tagħha. Ir-regoli dwar is-suċċessjonijiet jaqgħu, fis-sens ta' dan ir-regolament, taħt id-drittijiet disponibbli, peress li l-imsemmi regolament jawtorizza lill-partijiet jiftiehmu dwar il-ġurisdizzjoni esklużiva tal-qorti jew tal-qrati tal-Istat Membru li taħtu taqa' l-liġi magħżula mid-deċedut sabiex tirregola s-suċċessjoni tiegħu permezz tal-konklużjoni ta' ftehim dwar l-għażla tal-qorti (Artikolu 5 tar-Regolament Nru 650/2012) u jipprevedi l-possibbiltà għal dawn il-qrati li jkomplu jeżerċitaw il-ġurisdizzjoni tagħhom anki jekk il-partijiet fil-proċedura li ma kinux partijiet f'dan il-ftehim jidhru quddiemhom mingħajr ma jikkontestaw din il-ġurisdizzjoni (Artikolu 9 ta' dan ir-regolament).

23 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Cour de cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni) iddeċidiet li tissospendi l-proċedura quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari segwenti:

"Id-dispożizzjonijiet tal-[Artikolu 10(1)(a)] tar-Regolament [Nru 650/2012] għandhom jiġu interpretati fis-sens li, meta r-residenza abitwali tad-deċedut fil-mument tal-mewt ma tkunx tinsab fi Stat Membru, il-qorti ta' Stat Membru li fih ir-residenza abitwali tad-deċedut ma kinitx stabbilita iżda li tikkonstata li dan tal-aħħar kellu n-nazzjonalità ta' dan l-Istat u kien jipposjedi assi hemm għandha, *ex officio*, tirrileva l-ġurisdizzjoni sussidjarja tagħha prevista minn dan it-test?"

Fuq id-domanda preliminari

24 Permezz tad-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju qiegħda essenzjalment tistaqsi jekk l-Artikolu 10(1)(a) tar-Regolament Nru 650/2012 għandux jiġi interpretat fis-sens li qorti ta' Stat Membru għandha tqajjem *ex officio* l-ġurisdizzjoni tagħha skont ir-regola ta' ġurisdizzjoni sussidjarja prevista f'din id-dispożizzjoni meta, wara li tkun ġiet adita abbażi tar-regola ta' ġurisdizzjoni ġenerali stabbilita fl-Artikolu 4 ta' dan ir-regolament, hija tikkonstata li ma għandhiex ġurisdizzjoni skont din l-aħħar dispożizzjoni.

25 F'dan il-każ, mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li l-cour d'appel de Versailles (il-Qorti tal-Appell ta' Versailles) ikkunsidrat li l-aħħar residenza abitwali tad-deċedut kienet fir-Renju Unit u mhux fi Franza. F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li, kif jirriżulta mill-premessa 82 tar-Regolament Nru 650/2012, ir-Renju Unit – skont l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-Pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-Rigward tal-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja, anness mat-Trattat UE u mat-Trattat FUE – ma pparteċipax fl-adozzjoni ta' dan ir-regolament. Barra minn hekk, ma jidhirx li, fid-data tal-mewt ta' XA, ir-Renju Unit kien għamel użu mill-possibbiltà prevista fl-Artikolu 4 ta' dan il-protokoll li jinnotifika l-intenzjoni tiegħu li jaċċetta l-imsemmi regolament. F'dik id-data, ir-Renju Unit, minkejja li kien Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, ma kienx għalhekk marbut bir-Regolament Nru 650/2012 u lanqas, għaldaqstant, ma kien suġġett għall-applikazzjoni tiegħu. Issa, għall-finijiet tal-interpretazzjoni tal-Artikolu 10 ta' dan ir-regolament, għandu jitqies li l-ġurisdizzjoni prevista f'din id-dispożizzjoni tista' tkun applikabbli meta d-deċedut kellu r-residenza abitwali tiegħu f'tali Stat Membru mhux marbut bl-imsemmi regolament fil-mument tal-mewt tiegħu. Għaldaqstant, sakemm il-kriterji l-oħra previsti fl-imsemmija dispożizzjoni jkunu ssodisfatti wkoll, għandu jiġi konkluż li s-sitwazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din tal-aħħar.

26 F'dan ir-rigward, huwa paċifiku li l-Artikolu 10 tar-Regolament Nru 650/2012 ma ġiex invokat mir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, la fl-ewwel istanza u lanqas fl-appell. Għaldaqstant, id-domanda preliminari hija intiża biss sabiex jiġi ddeterminat jekk ir-Regolament Nru 650/2012 jobbligax lill-qorti ta' Stat Membru, adita abbażi tal-Artikolu 4 ta' dan ir-regolament, teżamina *ex officio* jekk għandhiex ġurisdizzjoni fid-dawl tal-kriterji previsti fl-Artikolu 10(1)(a) tiegħu jew inkella jekk din l-aħħar qorti tistax tiddikjara li ma għandhiex ġurisdizzjoni meta r-rikorrent ma jkunx invoka din id-dispożizzjoni għall-eżerċizzju, mill-imsemmija qorti, tal-ġurisdizzjoni tagħha.

27 Skont ġurisprudenza stabbilita, id-dispożizzjonijiet dwar ir-regoli ta' ġurisdizzjoni, sa fejn ma jirreferux għad-dritt tal-Istati Membri sabiex jiddeterminaw it-tifsira u l-portata tagħhom, għandhom jingħataw, fl-Unjoni kollha, interpretazzjoni awtonoma u uniformi, li għandha tiġi mfittxija billi jittieħdu inkunsiderazzjoni mhux biss il-kliem tagħhom iżda wkoll il-kuntest ta'

dawn id-dispożizzjonijiet u l-għan imfittex mil-leġiżlazzjoni kkonċernata (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-21 ta' Ġunju 2018, Oberle, C-20/17, EU:C:2018:485, punt 33 u l-ġurisprudenza ċċitata).

28 Fir-rigward, fl-ewwel lok, tal-formulazzjoni tal-Artikolu 10(1)(a) tar-Regolament Nru 650/2012, għandu jiġi rrilevat li din id-dispożizzjoni tistabbilixxi regola ta' ġurisdizzjoni li tipprevedi li, meta r-residenza abitwali tad-deċedut fil-mument tal-mewt tiegħu ma tkunx tinsab fi Stat Membru, il-qrati tal-Istat Membru li fih jinsabu l-beni patrimonjali għandhom madankollu ġurisdizzjoni sabiex jiddeċiedu dwar is-suċċessjoni fl-intier tagħha jekk id-deċedut kellu n-nazzjonalità ta' dan l-Istat Membru fil-mument tal-mewt tiegħu.

29 B'hekk, mill-kliem tal-Artikolu 10(1)(a) tar-Regolament Nru 650/2012 jirriżulta li ż-żewġ kriterji previsti f'din id-dispożizzjoni, għall-finijiet tal-għoti tal-ġurisdizzjoni lill-qrati ta' Stat Membru fil-każ li r-residenza abitwali tad-deċedut fil-mument tal-mewt tiegħu ma tkunx tinsab f'dan l-Istat Membru, huma, minn naħa, l-eżistenza ta' beni patrimonjali fl-imsemmi Stat Membru u, min-naħa l-oħra, il-pussess tan-nazzjonalità tal-istess Stat Membru, mid-deċedut, fil-mument tal-mewt tiegħu. Għall-kuntrarju, minn dan il-kliem bl-ebda mod ma jirriżulta li l-għoti ta' tali ġurisdizzjoni jiddependi minn kwalunkwe azzjoni min-naħa tad-deċedut jew ta' parti li jkollha interess. Anzi, għall-kuntrarju, kif irrileva essenzjalment l-Avukat Ġenerali fil-punti 67 u 68 tal-konklużjonijiet tiegħu, l-użu tal-espressjoni "għandu […] jkollhom ġuriżdizzjoni" huwa ta' natura li jindika li l-ġurisdizzjoni prevista fl-Artikolu 10(1) ta' dan ir-regolament hija ta' natura obbligatorja.

30 Fir-rigward, fit-tieni lok, tal-kuntest tal-Artikolu 10(1)(a) tar-Regolament Nru 650/2012, għandu jiġi rrilevat li l-Artikolu 10 ta' dan ir-regolament jinsab fil-Kapitolu II tiegħu, li jistabbilixxi sett ta' regoli ta' ġurisdizzjoni fil-qasam tas-suċċessjoni. B'mod partikolari, dan l-Artikolu 10 jipprevedi ġurisdizzjoni sussidjarja meta mqabbla mal-ġurisdizzjoni ġenerali, stabbilita mir-regola li tinsab fl-Artikolu 4 tal-imsemmi regolament, li tindika lill-qrati tal-post ta' residenza abitwali tad-deċedut bħala l-qrati li għandhom ġurisdizzjoni sabiex jiddeċiedu dwar is-suċċessjoni kkonċernata fl-intier tagħha.

31 Fir-rigward, fit-tielet lok, tal-għan tal-Artikolu 10 tar-Regolament Nru 650/2012, għandu jiġi rrilevat li dan l-artikolu għandu jinqara fid-dawl tal-premessa 30 ta' dan ir-regolament, li tindika li għandu "ikun żgurat li l-qrati tal-Istati Membri kollha jkunu jistgħu, għall-istess raġunijiet, jeżerċitaw ġuriżdizzjoni fir-rigward tas-suċċessjoni ta' persuni b'residenza mhux abitwali fi Stat Membru fil-mument tal-mewt". Għal dan il-għan, skont din il-premessa, l-imsemmi regolament "għandu jelenka b'mod eżawrjenti, f'ordni ġerarkika, ir-raġunijiet li għalihom tista' tiġi eżerċitata tali ġuriżdizzjoni sussidjarja".

32 Minn dan isegwi li, peress li r-Regolament Nru 650/2012 huwa intiż, b'mod partikolari, li jiżgura l-uniformità tal-applikazzjoni tar-regoli ta' ġurisdizzjoni internazzjonali fil-qasam tas-suċċessjoni, l-uniku għan kemm tal-Artikolu 4 ta' dan ir-regolament kif ukoll tal-Artikolu 10(1) tiegħu huwa li jiddefinixxu kriterji uniformi ta' ġurisdizzjoni sabiex tingħata deċiżjoni dwar suċċessjoni fl-intier tagħha. F'dan ir-rigward, huma ma joffrux lill-partijiet li jkollhom interess il-possibbiltà li jagħżlu, skont l-interessi tagħhom, il-forum ta' Stat Membru, bla ħsara għall-applikazzjoni tal-Artikolu 5 tal-imsemmi regolament fil-każ tal-għażla mid-deċedut tal-liġi applikabbli għas-suċċessjoni tiegħu.

33 Għandu jiġi rrilevat, f’dan ir-rigward, li, kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punti 47 u 65 tal-konklużjonijiet tiegħu, ma teżistix relazzjoni ġerarkika bejn il-forum stabbilit fl-Artikolu 4 tar-Regolament Nru 650/2012 u l-forum stabbilit fl-Artikolu 10 tiegħu, peress li kull wieħed minnhom jirreferi għal każijiet distinti. Bl-istess mod, il-fatt li l-ġurisdizzjoni msemmija fl-Artikolu 10 ta’ dan ir-regolament hija kklassifikata bħala “sussidjarja” ma jfissirx li din id-dispożizzjoni hija inqas vinkolanti minn dik tal-Artikolu 4 tal-imsemmi regolament, dwar il-ġurisdizzjoni ġenerali.

34 F’dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li l-użu tal-kelma “madankollu” fl-Artikolu 10(1) tar-Regolament Nru 650/2012 jissuġġerixxi li din id-dispożizzjoni tistabbilixxi regola ta’ ġurisdizzjoni ekwivalenti u komplementari għar-regola ta’ ġurisdizzjoni ġenerali stabbilita fl-Artikolu 4 ta’ dan ir-regolament, b’tali mod li, fil-każ ta’ inapplikabbiltà ta’ dan l-aħħar artikolu, hemm lok li jiġi vverifikat jekk il-kriterji tal-ġurisdizzjoni previsti fl-Artikolu 10 tal-imsemmi regolament humiex issodisfatti.

35 Tali interpretazzjoni hija, barra minn hekk, sostnuta mill-għan imfittex mir-Regolament Nru 650/2012, kif jirriżulta mill-premessa 7 tiegħu, li huwa li jiġi ffaċilitat il-funzjonament tajjeb tas-suq intern billi jitneħħew l-ostakoli għall-moviment liberu tal-persuni li jixtiequ jinvokaw id-drittijiet tagħhom li jirriżultaw minn suċċessjoni transkonfinali, b’mod partikolari, billi jiġi żgurat li, fiż-żona Ewropea tal-ġustizzja, id-drittijiet tal-werrieta u tal-legatarji, tal-persuni l-oħra qrib tad-deċedut kif ukoll tal-kredituri ta’ suċċessjoni jkunu ggarantiti b’mod effettiv (ara, f’dan is-sens, is-sentenza tal-1 ta’ Marzu 2018, Mahnkopf, C-558/16, EU:C:2018:138, punt 35).

36 Għal dan il-għan, ir-Regolament Nru 650/2012 jipprevedi r-regoli ta’ ġurisdizzjoni internazzjonali għas-suċċessjoni fl-intier tagħha, li huma bbażati fuq kriterji oġġettivi. F’din il-perspettiva, l-Artikolu 10(1) ta’ dan ir-regolament jikkontribwixxi sabiex jiggarantixxi l-aċċess għall-ġustizzja tal-werrieta u tal-legatarji, tal-persuni l-oħra qrib tad-deċedut kif ukoll tal-kredituri ta’ suċċessjoni, meta s-sitwazzjoni kkonċernata jkollha rabtiet mill-qrib ma’ Stat Membru minħabba, b’mod partikolari, l-eżistenza ta’ beni patrimonjali fit-territorju ta’ dan tal-aħħar.

37 Barra minn hekk, għandu jitfakkar li, sabiex jikkontribwixxi għas-soluzzjoni effettiva tat-tilwim dwar suċċessjoni, ir-Regolament Nru 650/2012 ifittex li jiffavorixxi trattament unitarju tas-suċċessjoni. B’hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet f’diversi okkażjonijiet li interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta’ dan ir-regolament li timplika s-separazzjoni f’diversi partijiet ta’ din is-suċċessjoni tkun inkompatibbli mal-għanijiet tal-imsemmi regolament (ara, f’dan is-sens, is-sentenzi tal-21 ta’ Ġunju 2018, Oberle, C-20/17, EU:C:2018:485, punt 56, u tas-16 ta’ Lulju 2020, E. E. (Ġurisdizzjoni u liġi applikabbli għas-suċċessjonijiet), C-80/19, EU:C:2020:569, punt 41).

38 Dan il-prinċipju ta’ unità tas-suċċessjoni huwa l-bażi wkoll għar-regola stabbilita fl-Artikolu 10(1) tar-Regolament Nru 650/2012, sa fejn l-imsemmija dispożizzjoni tispeċifika li din ir-regola tiddetermina l-ġurisdizzjoni tal-qrati tal-Istati Membri sabiex jiddeċiedu dwar is-“suċċessjoni fl-intier tagħha”.

39 Fl-aħħar nett, għandu jitfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-osservanza dovuta lill-awtonomija tal-qorti fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħha teżiġi li din il-qorti tkun tista’ teżamina l-ġurisdizzjoni internazzjonali tagħha fid-dawl tal-informazzjoni kollha li jkollha għad-dispożizzjoni tagħha, filwaqt li tfittex l-għan ta’ amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja, li fuqu

hija bbażata l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-28 ta' Jannar 2015, Kolassa, C-375/13, EU:C:2015:37, punt 64, u tas-16 ta' Ġunju 2016, Universal Music International Holding, C-12/15, EU:C:2016:449, punt 45).

40 Issa, fid-dawl tal-għan imfittex mir-Regolament Nru 650/2012, li huwa li tiġi ggarantita amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja, ma hemm xejn li jipprekludi li l-istess prinċipji jipprevalu fir-rigward tal-eżami mill-qorti adita tal-ġurisdizzjoni tagħha fil-kuntest tal-applikazzjoni tar-regoli ta' ġurisdizzjoni internazzjonali fil-qasam tas-suċċessjoni previsti minn dan ir-regolament.

41 Għalhekk, sa fejn ir-regoli ta' ġurisdizzjoni sussidjarja stabbiliti fl-Artikolu 10(1) tar-Regolament Nru 650/2012 jikkontribwixxu sabiex jintlaħaq dan l-għan ta' amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja, l-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni ma tistax tiddependi mill-fatt li hija ma ġietx invokata minn waħda mill-partijiet fil-proċedura kkonċernata.

42 Fil-fatt, kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 87 tal-konklużjonijiet tiegħu, l-Artikolu 10 tar-Regolament Nru 650/2012 għandu jiġi interpretat fid-dawl tal-Artikolu 15 tiegħu, fis-sens li, għalkemm dan l-Artikolu 10 ma jobbligax lill-qorti adita tfittex b'mod attiv bażi fattwali sabiex tiddeċiedi dwar il-ġurisdizzjoni tagħha f'tilwima partikolari, l-imsemmi artikolu jobbligaha tiddetermina, billi tieħu inkunsiderazzjoni l-fatti mhux ikkontestati, il-bażi tal-ġurisdizzjoni tagħha, li tista' eventwalment tkun distinta minn dik allegata mir-rikorrent.

43 B'mod partikolari, għandu jiġi rrilevat li dikjarazzjoni ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni, min-naħa tal-qorti adita skont l-Artikolu 15 tar-Regolament Nru 650/2012, teħtieġ eżami minn qabel tal-kriterji kollha stabbiliti fil-Kapitolu II tar-Regolament Nru 650/2012 u li, fil-kuntest ta' dan l-eżami, dik il-qorti hija obbligata teżamina l-eventwali ġurisdizzjoni tagħha fid-dawl tal-informazzjoni kollha li jkollha għad-dispożizzjoni tagħha. Għaldaqstant, tali eżami ma jistax isir biss fid-dawl tar-regola ta' ġurisdizzjoni espressament invokata mill-partijiet li jkollhom interess.

44 Din l-interpretazzjoni ma hijiex ikkontestata mill-argumenti tal-qorti tar-rinviju fis-sens li l-Artikolu 10 tar-Regolament Nru 650/2012 jidderoga mill-prinċipju ta' koinċidenza tal-kompetenzi ġurisdizzjonali u leġiżlattivi b'tali mod li l-qorti adita jkollha tapplika l-liġi tal-Istat ta' residenza abitwali tad-deċedut fil-mument tal-mewt tiegħu. Fil-fatt, kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 70 tal-konklużjonijiet tiegħu, l-għan imfittex mill-premessa 27 ta' dan ir-regolament, li l-ġurisdizzjoni u d-dritt applikabbli jikkoinċidu, ma huwiex ta' natura assoluta.

45 Għalkemm, skont il-premessa 27 tar-Regolament Nru 650/2012, id-dispożizzjonijiet ta' dan tal-aħħar huma maħsuba sabiex jiżguraw li l-awtorità li tkun qiegħda tittratta s-suċċessjoni tkun tista' tapplika, fil-parti l-kbira tal-każijiet, id-dritt nazzjonali tagħha, dan ir-regolament la jimponi u lanqas jiggarantixxi l-koinċidenza bejn il-ġurisdizzjoni u d-dritt applikabbli. In-natura mhux assoluta ta' din il-koinċidenza hija kkorroborata, minn naħa, mill-kliem "fil-biċċa l-kbira tas-sitwazzjonijiet" użati fil-premessa 27 tal-imsemmi regolament u, min-naħa l-oħra, mill-fatt li, fil-premessa 43 tal-istess regolament, il-leġiżlatur tal-Unjoni stess ippreveda li r-regoli ta' ġurisdizzjoni stabbiliti fih jistgħu jwasslu għal sitwazzjonijiet fejn il-qorti li jkollha ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi dwar is-suċċessjoni ma tapplikax il-liġi tagħha stess.

46 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, ir-risposta li għandha tingħata għad-domanda magħmula hija li l-Artikolu 10(1)(a) tar-Regolament Nru 650/2012 għandu jiġi interpretat fis-sens li qorti ta' Stat Membru għandha tqajjem *ex officio* l-ġurisdizzjoni tagħha skont ir-regola ta'

ġurisdizzjoni sussidjarja prevista f'din id-dispożizzjoni meta, wara li tkun ġiet adita abbażi tar-regola ta' ġurisdizzjoni ġenerali stabbilita fl-Artikolu 4 ta' dan ir-regolament, hija tikkonstata li ma għandhiex ġurisdizzjoni skont din l-aħħar dispożizzjoni.

Fuq l-ispejjeż

47 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija dik il-qorti li għandha tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) taqta' u tiddeċiedi:

L-Artikolu 10(1)(a) tar-Regolament (UE) Nru 650/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar il-ġuriżdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet u l-aċċettazzjoni u l-infurzar ta' strumenti awtentiċi fil-qasam tas-suċċessjonijiet u dwar il-ħolqien ta' Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni għandu jiġi interpretat fis-sens li qorti ta' Stat Membru għandha tqajjem *ex officio* l-ġurisdizzjoni tagħha skont ir-regola ta' ġurisdizzjoni sussidjarja prevista f'din id-dispożizzjoni meta, wara li tkun ġiet adita abbażi tar-regola ta' ġurisdizzjoni ġenerali stabbilita fl-Artikolu 4 ta' dan ir-regolament, hija tikkonstata li ma għandhiex ġurisdizzjoni skont din l-aħħar dispożizzjoni.

Firem